MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 17/2012

**John Debono**

**Vs**

**WasteServ Malta Ltd.**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2755 deciza mit-Tribunal Industrijali fid-19 ta' April 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:

*"Ic-Chairman:-*

***INTRODUZZJONI***

*B'dikjarazzjoni pprezentata rir-registru tal-Qrati Superjuri fis-16 ta' Frar 2010, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu b'effett mill-1 ta' Frar 2010 mis-socjeta` ntimata ma saritx ghal raguni gusta inkluzi li r-rikorrent ghandu jigi ntegrat f'xogholu, jigu annullati l-proceduri ta' dixxiplina, tithassar it-terminazzjoni ta' impjieg u jinghata kumpens gust.*

*Is-Socjeta` ntimata f'risposta taghha tas-16 ta' Marzu 2010 esponiet u qed issostni li l-impjieg tar-rikorrenti gie mitmun fl-1 ta' Frar 2010 ghal ragunijiet fosthom ta' atteggjament negattiv lejn ix-xoghol, u fejn inghata diversi opportunitajiet biex jirranga, inkluzi bdil tax-xoghol. Is-socjeta ` tkompli ssostni li minkejja dan, ir-rikorrent baqa' ma jaghtix ix-xoghol rikjest minnu u wara negligenza, nuqqas ta' hegga, kif ukoll ma rrealizzax in-nuqqasijiet tieghu minkejja li ngibditlu l-attenzjoni diversi 07.a' dmirijietu 02 tal-kuntrattkif ukoll nuqqas ta' dixxiplina u rispett lejn is-superjuri tieghu.*

***<u>Fatti</u>***

*Is-Socjeta` intimata mpjegat lir-rikorrent fit-28 ta' Frar 2007 fuq kuntratt definit ta' 3 snin bhala Research Analyst. B'decizjoni tal-Gvern ta' Malta, l-impjieg tar-rikorrent inbidel f'wiehed indefinite mis-7 ta' Dicembru 2007.*

*Fis-27 ta' Jannar 2010, is-Socjeta` ntimata baghtet l-ittra ta' terminazzjoni lir-rikorrent fejn infurmatu li l-impjiet tieghu kien qed jigi tterminat mill-1 ta' Frar*

*2010 wara li tlaqqha l-Bord tad-Dixxiplina fil-21 ta' Jannar 2010 ghal ragunijiet li s-socjeta` ma kienitx sodisfatta bil-commitment tar-rikorrent lejn xoghlu u li ghaldaqstant, b'referenza ghal-klawzola 10.02 tal-kuntratt tax-xoghol l-impjieg kien qed jigi terminat.*

*Il-klawsola 10.2 tirreferi hekk: "If the employee is proven guilty of any gross default or misconduct or any material breach or non-observance of any of the conditions of this contract or shall (unless prevented by accident, illness or other reasonable cause) neglect or refuse to carry out the duties as mutually agreed between him and the company, the company shall be ntitled to delive a notice of termination summarily his engagement hereunder."*

*Fit-3 ta' Awissu 2009, is-Sur Tonio Farrugia, Financial Officer, hareg email lir-rikorrent fejn ikkonferma twissija verbali fuq nuqqas ta' "punching in and out" tar-rikorrent meta kien johrog mill-ufficcju biex ipejjep (Dok ABC1)*

*Fid-9 ta' Dicembru 2009 is-Sur Farrugia kiteb lil-Eng. Vincent Magri, Kap Ezekuttiv fejn infurmah li r-rikorrent naqas li jipproduci "daily progress reports" kif mitlub wara li s-Sur Farrugia stess kien kiteb lir-rikorrent fl-4 ta' Dicembru 2009. Is-Sur Farrugia zied fl-ittra li n-nuqqas ta' rispett lejn is-superjuri tar-rikorrent huwa inaccettabbli l-iktar minhabba r-responsabilita` dovuta lejn fondi pubblici (DOK ABC2).*

*F'risposta bl-istess data il-Kap Ezekuttiv kiteb lis-Sur Farrugia biex ir-rikorrent jigi sospiz jumejn fl-10 u 11 ta' Dicembru 2009 u biex jibdew*

*proceduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent biex jigi evalwat jekk kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex jigi terminat l-impjieg Dok ABC3).*

*Il-Bord tad-Dixxiplina ltaqa' fis-17 ta' Dicembru 2009 kiteb lir-rikorrent. Il-Bord innota negligenza kif gej:*

*(1) Processar fil-hin ta' ircevuti kif mitluba mill-awdituri.*
*(2) Nuqqas ta' sigurta rigward dokumenti tal-kumpanija fl-ufficju tar-rikorrent u*
*(3) Zamma ta' diversi dokumenti kunfidenzjali b' "tenders". Dan seta wassal access ghal informazzjoni kunfidenzjali. Il-Bord irrimarka ukoll li r-rikorrent kellu fil-possess tieghu curriculum vitae ta' superjuri fosthom tas-Sur Farrugia, Ing. N. Vella u s-Sur J. Degiorgio kif ukoll il-Management Accounts tal-kumpanija datati 31 ta' Jannar, 2007*

*Il-Bord talab lir-rikorrent jaghti gustifikazzjoni ta' din in-negligenza ripetuta. Fin-nuqqas ta' dan, il-kumpanija kienet se tikkonsidra terminazzjoni ta' impjieg.*

*Ir-rikorrent wiegeb kif gej b'ittra datata 17 ta' Jannar 2010 ghal punti imsemmija:*

*(1) Fuq ipprocessar fil-hin ta' l-ircevuti r-rikorrent spjega li ghamel hiltu kollha biex dawn ma jaqghux lura. Ir-rikorrent kompla li l-volum ta'*

*l-ircevuti kien jizdied f'certu zmien u ma kienx facli li ma taqghax lura. Ghal xi zmien ir-Registry Unit kellu nuqqas ta' haddiema.*

*(2) Rigward nuqqas ta' sigurta fejn jidhlu dokumenti tal-kumpanija r-rikorrent cahad dan in-nuqqas u qal li kollox kien imsakkar "f'cabinets". Dokumenti ohra kienu accessibli minhabba nuqqas ta' spazju.*

*(3) Rigward zamma ta' diversi dokumenti kunfidenzjali b'mod dizorganizzat r-rikorrent qal li huwa kien izomm kopji ta' tenders u CV's fil-kaz li d-dipartiment tal-kuntratti jkollu bzonn aktar kopji. Ir-rikorrent kien izomm id-dokumenti f'kaxxi wara li d-dipartiment tal-kuntratti gie trasferit ghal Phoenix Buildings minhabba nuqqas ta' spazju. Il-Management Accounts kienu fil-pussess tieghu ghaliex kien imqabbad jassisti lil accounts unit.*

*B'ittra datata 27 ta' Jannar 2010, il-Kap Ezekuttiv informa lir-rikorrent li wara li l-laqgha tal-Bord tad-Dixxiplina li saret fil-21 ta' Jannar 2010 fejn ir-rikorrent gie nfurmat li l-kumpanija ma kienitx sodisfatta "bil-commitment" tieghu lejn ix-xoghol, b'referenza ghal artiklu 10.2 t al-kuntratt tax-xoghol, l-impjieg kien qed jigi terminat b'effett mill-1 ta' Frar 2010.*

***<u>Provi</u>***

*F'dawn il-proceduri xehdu l-Ing Vincent Magri, is-Sur Tonio Farrugia, is-Sur Kurt Borg Coppini, Ing. Aurelio Attard u s-Sur John Debono.*

*Fost dokumenti ohra fosthom dawk imsemmija taht il-fatti, gew esebiti l-kuntratt tax-xoghol, certifikati ta' attendenza ta' tahrig u "Performance Appraisal Report".*

***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra principalment jekk ir-rikorrent kienx negligent f'xoghlu, wera nuqqas ta' dixxiplina, rispett lejn is-superjuri tieghu kif ukoll ma kienx "committed" lejn xogholu. Dan ukoll fl-ambitu ta' klawsola 10.2 tal-kuntratt tax-xoghol li s-socjeta ghamlet referenza principali fl-ittra tat-terminazzjoni.*

*Ix-xhieda principali min naha tal-Management tas-socjeta intimata kienu l-Ing. Vincent Magri, Kap Ezekuttiv u s-Sur Tonio Farrugia, Chief Financial Officer.*

*L-Inginier Vincent Magri, fix-xhieda tieghu kkonferma li r-rikorrent gie mpjegat bhala Research Analyst bl-ghan li jigu akkwistati fondi mill-Unjoni Ewropeja u wiehed allura irid ikun familjari ma' hafna direttivi, etc. Wara ftit zmien deher li r-rikorrent ma kienx qabad dan ir-rwol. Dan kien waqt il-probation period. Is-Sur Magri offra li r-rikorrent ikun segretarju tieghu anke peress li r-rikorrent kellu esperjenza ta' segretarju tal-kunsill ta' Bormla. Is-Sur Magri kompla li r-rikorrent ukoll naqas f'dawn ir-rwol li jaghti l-frott u gie trasferit fid-dipartiment tar-Rizorsi Umani bhala "second in command". Hawnhekk skond is-Sur Magri ir-rikorrent rega' ma tghax dak mistenni u kien ikollu hafna argument mieghu. Is-Sur Magri kien staqsa l-Ing. Aurelio Attard, Head*

*Contrcting, biex jiehdu mieghu u accettah. Kien responsabbli mill-progett tal-Project Management Landfills sabiex jipproduci d-dokumenti li jmorru ghat-tenders.*

*L-ammont ghal dawn il-progetti kien ta' 100 miljun liri maltin li riedu jintefqu fil-hin stipulat. Hawnhekk kien hemm fin-nofs l-interess tal-pajjiz ghax jekk ma jintefqux il-flus kienu jintilfu.*

*Meta hareg it-tender u ghalaq irrizulta li ma kienx l-istess tender document li tawh biex johrog, jigifieri ma kienx l-ahhar version u l-process kollu gie invalidat. Dan kien falliment gravi ta' negligenza.*

*Is-Sur Magri spjega li l-eta tar-rikorrent mhix tali li jsib impjieg malajr u ghaldaqstant l-ahhar haga kienet li tkeccieh. Wara r-rikorrent gie moghti tenders izghar imma ukoll falla. F'wiehed minnhom hareg il-prezzijiet ta' l-istimi u l-kuntratturi ma kellhomx fejn ipoggu prezz. Il-kumpanija kienet waqghet ghac-cajt. F'kaz iehor, id-drawings ma kienux jaqblu. Is-Sur Magri kompla li wara dan gie deciz li r-rikorrent jinghata xoghol aktar facli u beda jahdem ir-Registry. Ix-xhud kompla li anke ir-Registry ir-rikorrent falla. L-awdituri nnotaw il-processar ta' l-"invoices" waqa' lura u nstabu "invoices" f'diversi kxaxen.*

*Ix-xhud sahaq li dan in-nuqqas kien kaz car ta' nuqqas ta' rispett lejn l-Awtorita u dixxiplina. Kaz ta' attitudni "I don't care". Kompla li r-rikorrent kien joqghod fuq siggu u ma jiccaqlaqx. Meta gie mistoqsi fil-Bord tad-*

*Dixxiplina ghaliex ma jirrispettax l-awtorita, ir-rikorrent wiegeb li ghandu kundizzjoni f'dahru u kien ikollu joqghod fuq siggu ma jiccaqlaqx. Imma, kopla ix-xhud biex iqum u jinzel isfel ipejjeg seta' jaghmel dan. Ix-xhud kompla li dan kien abbuz ta' fondi pubblici u ghaldaqstant s-socjeta` waslet biex twaqqaf l-impjieg. Anke hawn, kompla x-xhud ir-rikorrent rega' "sfidana" meta ntalab iwiegeb l-ittra tas-17 ta' Dicembru 2009 wara li jidhol mil-leave u wara hamest ijiem, is-CEO intalab ifakkru u wiegeb fis-17 ta' Jannar 2010 "semplicimint defying the authority".*

*Bhala Kap Ezekuttiv, ix-xhud kompla li kellu r-responsabilita` li l-pagi johorgu vis a vis "deliverance"ta' xoghol. Kellu anke kummenti minn haddiema ohra li r-rikorrent "ma jaghmel xejn". Ix-xhud kompla li meta nehha lir-rikorrent mill-contracting dan mar ghand il-Ministru u qalu kemm hemm tahwid. Ix-xhud baghat ghalih u r-rikorrent cahad u qalu "l-Ministru giddieb". Ix-xhud qal li fi 30 sena mal-gvern, qatt ma kellu bniedem jghid li l-ministru giddieb.*

*It-Tribunal jinnota x-xhieda mportanti ukoll tac-Chief Financial Officer is-Sur Tonio Farrugia. Is-Sur Farrugia meta beda jahdem mal-Wasteserv sab lir-rikorrent fil-Contracting Department. L-ewwel esperjenza diretti mar-rikorrent kien il-kaz tat tender tal-landfills imsemmi fix-xhieda ta' l-Ing. Magri li meta t-tender li hareg fis-suq ma kienx l-ahhar verzjoni approvata mid-Dipartiment tal-kuntratti. Zbalji ohra f'tenders ma waqfux. Is-Sur Farrugia kien involut meta kienu kellmu lir-rikorent biex jigi trasferit ghar-Registry u allura gie jirrispondi lilu. Jirrizulta li l-awdituri gibdu l-attenzjoni fuq il-process tal-invoices. Meta r-rikorrent gie sospiz qabel ma ntemm l-impjieg, saret analizi tad-dokumenti kollha li kellu fuq l-iskrivanija u l-kxaxen u nstabet lista twila ta' invoices li kienu ghadhom ghandu bid-dati jmorru lura sa Lulju 2009. Dan holoq inkonvenjent kbir. Fil-fatt, kompla jghid ix-xhud kull impjegat tar-*

*Registry kien mitlub jghmel rapport kuljum ta' tansazzjonijeit. Ir-rikorrent waqaf jissottometti dan ir-rapport.*

*Fix-xhieda s-Sur Farrugia qal ukoll li kemm il-darba hu u l-Ing. Magri kellmu u taw "verbal warnings" lir-rikorrent.*

*Ix-xhud semma ukoll kif fit 2008 ir-rikorrent ma kienx ha "performance bonus". Fil-fatt is-socjeta` pprezentat id-dokument tal-"Performance Approval" (Dok TF1) li fih din in-nota tal-Kap Ezekuttiv; "Following the issue of the results of the tendering drafting and processing the performance rated shoud be unsatisfactory at 0%" – (Iffirmat Ing – V. Magri). Ix-xhued kompla li r-risposti tas-Sur Debono ghal l-ittra ta' 17 ta' Dicembru 2009 kienet tikkonsisti f'ragunijiet frivoli.*

*Wara l-Borg iddecieda li jtemm l-impjieg fuq klawsola 10.2 tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent. Is-Sur Farrugia qal ukoll li r-rikorrent ma kienx jaqa' taht l-ebda ftehim kollettiv.*

*Is-Sur Kurt Borg Coppini, Contracting Officer, fix-xhieda tieghu ikkonferma li kien hemm tenders li minnhom kien responsabbli r-rikorrent li hargu bl-istimi flok bil-"Bill of quantities" vojt biex jikkwotaw u anke ohrajn li hargu minghajr is-schedule of prices (Dok KBC1). Dawn it-tenders kellhom kollh jinghataw "extension". Is-Sur Borg Coppini kkonferma li "d-drafting" ta' dawn it-tenders kien ghamlu r-rikorrent.*

*L-Ing Aurelio Attard li huwa l-Contracting Officer Xehed li r-rikorrenti kien assenjat mieghu meta kellu bzonn l-ghajnuna fis-sezzjoni tieghu u kien jirraporta lilu. L-Ing Attard ikkonferma li hargu zewg verzjonijiet fis-suq tat-tender il-kbir tal-Maghtab.*

*Id-differenza ma gietx innutata mill-Wasteserv imma d-dipartiment tal-kuntratti kien avzat b'dan. L-Ing, Attard kompla jixhed li r-rikorrent kellu gharfien limitat fil-procuremnet u kien spiss jitlob l-ghajnuna. Kien jidher car li kellu limitazzjonijiet. L-Ing. Attard kompla li x-xoghol tar-rikorrent "dejjem wasal". L-Ing Attard tefa' r-responsabbilta fuq id-dipartiment tal-kuntratti li hargu zewg verzjonijiet izda r-rikorrent kien responsabbli mill-printing skond l-Ing Attard. L-Ing Attard ikkonferma wkoll li dawk it-tenders li hargu mir-rikorren bl-izball tal-istimi, listi, etc ma kienux taht is-sorveljanza tieghu. L-Ing Attard qal li ma kienx jaf b'dan.*

*Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu sostna li bhala Research Analyst ghamel l-almu tieghu. Kien ikollu hafna "pressure" u kien difficli jiltaqa' mas-superjuri tieghu, l-Ing Magri ghax veru kien ikun imhabbat. Jghid li meta l-Ing. Magri kien se jittrasferih ghal segretarju hu ma xtaqx imma kellu jaccetta. Fl-istess hin ir-rikorrent qal li attawalment qatt ma ghamel xoghol ta' segretarju imam beda jassisti fil-Contracating Department. Ir-rikorrent ikkonferma li attenda b'success courses ta' tahrig fuq tendering. Ir-rikorrent kompla jixhed li meta baghtuh ir-Registry ma qalulux ghaliex gie trasferit u li r-Registry kien xoghol ta' livell Inferjuri izda baqa' bl-istess kundizzjonijiet.*

*Ir-rikorrent innega li ma kienx izomm ir-records aggornati sa l-ahhar u spjega li r-registry kienet under staffed u komola jinnega li waqa' lura f'xoghlu. Ir-rikorrent kompla li hu kien jissuggerixxi lis-CEO kif ghandhom jitjiebu l-affarijiet izda ma sar xejn u hassu injurat mill-Ing. Magri. Ir-rikorrent qal ukoll li fit-2008 meta ma kienx inghata' performance bonus izda dik is-sena had ma inghata bonus. Dan gie nnegat mill-Kap Ezekuttiv u semma' lilu nnifsu li kien ukoll ha bonus. Ir-rikorrent qal li l-marka tal-performance appraisal tieghu kienet 71% izda fil-kontro ezami rrizulta li dak kien self appraisal b' ammissjoni tar-rikorrent stess.*

*Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:*

*Jirrizulta li l-oghla l-ufficjali tal-kumpanija ma kellhomx l intenzjoni li jehilsu mir-rikorrent ghax deher mill-fatti u mix-xhieda li kumpanija setet anke waqfet l impjieg sahansitra fil-probationmeta l-Kap Ezekuttiv stqarr li r-rikorrent gia ma kienx qed jilhaq l-aspettativi.*

*Mix-xhieda t-tribunal nnota li l-kumpanija ghamlet certu sforzi u hadet passi biex ir-rikorrent ma jitlifx l-impjieg. Jidher li ghalkemm ir-rikorrent ma kellux esperjenza fit-tul fuq tendering, ir-rikorrent wettaq zbalji ppruvati anke wara li kien attenda tahrig specjalizzat. It-Tribunal jinnota l l-izbalji kienu iktar kagun ta' attitudni, atteggjament u traskuragni milli ta' gharfien fil-fond ta' tendering. Gie ukoll ipprivat li fit-2008 kien hemm min ha "performance bonus" u mhux kif qal ir-rikorrent li had ma kien inghata.*

*It-Tribunal jinnota li r-rikorrent kien impjegat b'kundizzjonijiet tajbin inkluz numru tajjeb ta' perkacci u ghaldaqstant jahraf li x-xoghol li inghata r-rikorrent kien wiehed gust vis a vis kundizzjonijiet u kapacitajiet tieghu.*

*It-Tribunal ikompli jinnota l-attitudni, l-atteggjament u t-traskuragni tul z-zmien ta' mpjieg tar-rikorrent b'mod konsistenti partikolarment mix-xhieda ta' l-ghola ufficjali tal-kumpanija u anke mix-xhieda tar-rikorrent meta ma kienx konsistenti max-xhieda tieghu stess ta' qabel fuq numru ta' dikjarazzjonijiet. Fatt relevant huwa l-kaz tat-tender il-kbir tal-Maghtab meta kienu hargu zewg verzjonijiet u r-rikorrent fix-xhieda tieghu stqarr li sar jaf b'dan waqt il-kaz meta kien hu responsabbli.*

*It-Tribunal jinnota li t-traskuragni u n-negligenza flimkien ma attegjament u atitudni negattivi jikkostitwixxu ragunijiet gravi li jistghu jwasslu ghat-tkeccija kif kwotat fil-klawsola 10.2 tal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent apparti l-element ta' fiducja li ddetenjorat b'mod konsistenti sakemm giet fix-xejn.*

***<u>Decizjoni</u>***

*Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti, it-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta` intimata li kellha fl-ahhar tasal f'punt li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li s-socjeta` kienet korretta li tittermina l-impjieg tar-rikorrent b'referenza hal klawsola 10.2 tal-kuntratt ax-xoghol ta' l-istess rikorrent.*

*Ghal finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jigu iffissati fl-ammont ta' €93.37 (Euro).*

*B'hekk tintemm il-kwistjoni tax-xoghol."*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, John Debono ressaq is-segwenti aggravvji fejn ilmenta illi essenzjalment illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-ligi meta accetta t-tezi tas-socjeta appellata. Inoltre jikkontendi illi t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ragunijiet moghtija mis-socjeta appellata ghat-tkeccija tieghu mill-impieg, liema ragunijiet ma kenux dawk indikati fl-ittra tat-tkeccija datata 17 ta' Dicembru 2009. Dan imur kontra l-principji ta' dritt naturali. Illi imbaghad l-appellanti iressaq lanjanza ohra dwar l-apprezzamant tal-provi maghmula mit-Tribunal.

Is-socjeta appellanti twiegeb ghal dana l-appell billi tissolleva l-irritwalita u inamissibilita' ta'l-istess u dan ghaliex l-istess mhuwiex ibbazat fuq vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta' punt jew principju ta' dritt u dana bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Tishaq illi taht il-pretest li jigi ezaminat xi punt ta' dritt in konnessjoni mat-tkeccija tal-appellanti, huwa qieghed jitlob lil din il-qorti ta' revizjoni sabiex terga' taghmel apprezzament mill-gdid tal-fatti rimessi ghal gudizzju tat-Tribunal.

**"...tinsorgi minnufih il-problema jekk jaqax fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' revizjoni li tirrivisita l-fatti tal-kawza quddiem it-Tribunal, taghmel ri-valutazzjoni taghhom, u, jekk inhu l-kaz, tissostitwixxi d-diskrezzjoni gudizzjali tat-Tribunal b'dak taghha;**

Din il-qorti kif diversament ippresjeduta kompliet hekk:

**"Pretest bhal dan ma jistax jattira lejh ir-revizjoni ta' l-apprezzament ta' fatt li jkun sar mit-Tribunal. L-invers kien ikun il-kaz kieku s-socjeta` appellanti wriet li jezisti punt ta' ligi jew li t-Tribunal ikun skorrettement enuncja principju tal-ligi, ghax allura f'kaz bhal dan il-Qorti tkun tista' tirrevedi l-apprezzament maghmul in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi**;

**Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament."** (App.Inf Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza 23/05/2008)

Illi l-appellanti fost l-aggravvji minnu sollevati, issostni illi t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ragunijiet li ma kenux parti mir-raguni ghat-tkeccija tieghu kif rifless fl-ittra datata 17 ta' Dicembru 2009 billi ta importanza zejda lill-kwistjoni li qamet dwar zball li sar fi hrug ta' *tender document* li kien involut fih l-appellanti. Isostni illi ir-raguni ghat-tkeccija tieghu kienu

i. nuqqas ta' processar ta' invoices

ii. nuqqas ta tharis ta' dokumenti meta dawn kienu jinsabu fuq l-iskrivanija.

iii. Konservazzjoni ta' diversi dokumenti relatati ma' tendering b'mod dizorganizzat u b'mod illi jistghu ikunu accessibbli ghal terzi.

Illi allura s-socjeta appellata ma setatx tressaq ragunijiet ohra biex tiggustifika t-tkeccija tieghu u it-Tribunal kwindi ma setax jadduci dawn ir-ragunijiet ulterjuri bhala bazi ghad-decizjoni finali.

Illi din il-Qorti tibda mal-ewwel biex tosserva illi l-ittra li jaghmel referenza ghaliha l-appellanti bhala l-ittra tat-terminazzjoni ta'l-impjieg tieghu mhijiex dik tas-17 ta' Dicembru 2009, billi din hija il-konkluzjoni raggunta mill-Bord tad-Dixxiplina mahtur sabiex jinvestiga in-nuqqasijiet fl-imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol. Wara dan huwa inghata iz-zmien biex iressaq it-twegiba tieghu ghal dawn il-konkluzjonijiet liema twegiba inghatat minnu permezz ta'ittra li iggib id-data tas-17 ta' Jannar 2010. Illi imbaghad permezz ta' ittra ohra datata 27 ta' Jannar 2009 s-socjeta appellata innotifikat lill-appellanti illi kienet qed titterminalu l-impjieg abbazi ta' dak li kien hemm stipulat fil-klawsola 10.2 tal-kuntratt ta'l-impjieg tieghu, liema klawsola tistipula illi ikun hemm bazi ghat-tkeccija ta'l-impjegat:

"***if the employee is proven guilty of any gross default or misconduct or any material breach or non-observance of any of the conditions of this contract or shall (unless prevented by accident, illness or other reasonable cause) neglect or fail or refuse to carry out the duties as mutually agreed between him and the company, the company shall be entitled to deliver notice of termination.***"

Kwindi ma ghandux ragun l-appellanti meta ighid illi it-Tribunal mar oltre l-mansjonijiet tieghu meta gab bhala bazi ghat-tkeccija raguni mhux indikata fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg billi tali hija ibbazat kif inghad fuq dak konvenut bejn il-partijiet fil-klawsola surriferita tal-kuntratt ta'l-impjieg. Fuq kollox il-ligi stess fl-artikolu 36(14) tal-Kapitolu 452 jiddisponi illi prinċipal jista' jibgħat impjegat mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fil-ligi jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat.

**"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tosserva u tikkummenta f'decizjonijiet anterjuri taghha f'materja ta' rapporti tax-xoghol, id-diligenza ta' l-impjegat tikkostitwixxi f'dan ir-rapport dik il-kondotta integrativa primarja, kollegat ma' l-adempiment ta' l-obbligazzjoni. Tali dover tad-diligenza mqieghed a karigu ta' l-impjegat fl-ezekuzzjoni**

**ta’ hidmietu, hi specifikazzjoni tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta’ l-obbligazzjonijiet. S’ intendi, bl-opportun adattament dettat minn natura tal-mansjoni affidata lill-impjegat;**

**Imqeghda f’dan il-kwadru, id-diligenza skond il-mudell tal-bonus paterfamilias tirrapprezenta kriterju oggettiv tal-valutazzjoni ta’ l-adempiment mill-haddiem, u din id-diligenza titkejjel skond dawn iz-zewg indikaturi:- (1) L-ewwelnett, f’rapport mal-prestazzjoni dovuta. Dan fis-sens illi hu mistenni li l-impjegat jassikura illi l-mansjoni jew mansjonijiet jigu ezegwiti skond il-kwalita partikulari ta’ l-attivita tieghu. Hekk, allura, in bazi ghall-abilita teknika jew professjonali rikjesta fl-espletament tal-mansjoni u l-osservanza ta’ kull imgieba accessorja (ubbidjenza, fedelta) u dik tal-kawteli necessarji ghal fini tal-korrettezza professjonali; (2) Fit-tieni lok, u akkoppjat ma’ ta’ l-ewwel, il-kriterju ta’ l-interessi tal-kumpanija li thaddmu. Jigifieri, li jkun assikurat illi x-xoghol ezegwit ikun sew korrelat ma’ l-ezigenzi partikulari tal-principal; (Vella vs Seabank Hotel supra.)**

Dan ghaliex :

**“Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista’ jillicenzja impjegat tieghu ghal “raguni tajba u bizzejjed” u dan bla htiega ta’ preavviz u minghajr obbligu ta’ hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma’ din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f’ forma ta’ kumpens. Indubbjament, “ir-raguni tajba u bizzejjed” li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta’ l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta’ impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta’ dawk l-elementi ta’ fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta’ l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta’ fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond lArtikolu 82 (3) ta’ l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta’ revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici. Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta’ kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta’ impjieg hu ravvizat f’ dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta’ fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta’ dan ir-rapport. Dan dejjem b’ riferiment ghall-aspetti**

**konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport." (Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited Appell Inferjuri deciza 30/04/2008.)**

Arginati ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti f'dan l-insenjament guridiku u legali, ma hemmx dubbju illi bl-appell minnu introdott dak li qed tigi imsejjha taghmel din il-Qorti huwa li tidhol biex tezamina mill-gdid l-fatti migjuba quddiem t-Tribunal, u dana ghaliex ma jirrizultax dak allegat mill-appellanti illi t-Tribunal sejjes id-decizjoni tieghu fuq xi fatti li ma kenux jifforma il-mertu tat-tkeccija tieghu.

Illi johrog mill-atti probatorji illi l-appellanti kien gie impjegat bhala *research analyst* mas-socjeta appellanti b'kuntratt definit ta' tlett snin bl-ewwel sitt xhur ikunu perijodu ta' probation u dan fit-28 ta' Frar 2007. Jidher illi dan il-kuntratt gie konvertit f'wiehed indefinit b'sehh mis-07 ta' Dicembru 2007. Illi mix-xhieda kopjuza li instemghet mit-Tribunal jirrizulta illi mill-bidunett ta'l-impjieg tieghu bdew jigu osservati certu nuqqasijiet fix-xoghol ta'l-appellanti, tant illi ghalkemm huwa baqa' impjegat taht l-istess *job description* u bl-istess kundizzjonijiet ta' impjieg, is-socjeta appellata biddlet in-natura tax-xoghol ta'l-appellanti kemm il-darba sabiex tipprova taghtih xoghol iktar adattat ghal kapacitajiet tieghu, izda kull darba l-appellanti kien jonqos fid-dmirijiet tieghu. Dana kien isehh sabiex ma jigiex terminat l-impjieg tieghu u jinghata opportunita ohra. Jidher izda illi l-appellanti baqa' jikkometti zbalji u kien hati ta' diversi nuqqasijiet fix-xoghol tieghu tant illi fl-ahhar ittiehdu passi dixxiplinarji kontrieh li wasslu ghat-terminazzjoni ta'l-impjieg. Illi l-Qorti tistqarr illi ma issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tat-Tribunal li ha in konsiderazzjoni x-xhieda kollha mismugha quddiemu sabiex wasal ghad-decizjoni finali. Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli icaqalaq dan l-apprezzament ta' fatt diment illi l-istess ma huwiex imsejjes fuq xi vjolazzjoni ta' punt ta' dritt, haga li kif deciz ma tirrizultax fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ikunu ghak-karigu ta’l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------